

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Strateġija għall-ġejjieni diġitali tal-Ewropa u Strateġija għad-data

(2020/C 440/13)

Relatur:	Mark WEINMESTER (DE/PPE), Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej, Land ta' Hessen
Dokumenti ta' referenza:	Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa (COM(2020) 67 final) Strateġija Ewropea għad-data (COM(2020) 66 final) Introduzzjoni sigura tal-5G fl-UE – Implimentazzjoni tas-sett ta' għodod tal-UE (COM(2020) 50 final)

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Sommarju

1. jisħaq fuq il-fatt li d-diġitalizzazzjoni għandha toħloq benefiċċji tanġibbli u tkun ta' vantaġġ ċar għall-persuni u għalhekk, fl-iżvilupp ta' teknoloġiji diġitali, għandhom jitqiesu wkoll aspetti legali, soċjopolitiċi, soċjali, ambjentali, kulturali u b'mod partikolari dawk etiċi;
2. jirrimarka li d-diġitalizzazzjoni hija kwistjoni transsettorjali u trasversali li hija preżenti fl-oqsma kollha tal-ekonomija u tal-ħajja u li se tbiddilhom b'mod sostenibbli, għaldaqstant hija biss id-diġitalizzazzjoni transsettorjali li toffri potenzjal sostanzjalment ġdid għal mudelli kummerċjali fixkiela, servizzi u prodotti diġitali innovattivi, u li n-negozji għodda b'mod partikolari jaqdu rwol importanti fl-innovazzjoni diġitali għall-Ewropa;
3. jenfasizza l-kontribut importanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-implimentazzjoni prattika tal-aġenda diġitali tal-UE, speċjalment fi ħdan il-Bliet Intelliġenti u r-Reġjuni Intelliġenti, kif ukoll ir-rwol importanti li jaqdi l-gvern lokali fl-iżgurar għall-aċċess tad-data u d-disponibbiltà tagħha;
4. jagħti attenzjoni partikolari lill-ħtieġa li jingħata appoġġ lill-bini tal-kapaċitajiet taċ-ċittadini u tan-negozji, speċjalment l-SMEs, kif ukoll tas-settur pubbliku. Hemm bosta modi possibbli kif tintuża d-diġitalizzazzjoni tad-dinja tax-xogħol biex jitnaqqas l-ammont ta' xogħol u jiġi promoss xogħol deċenti u fl-istess ħin is-sistemi ekonomiċi u soċjali jsiru aktar reżiljenti;
5. jenfasizza li l-opportunitajiet offruti mid-diġitalizzazzjoni fl-indirizzar tal-isfidi soċjetali, klimatiċi u ambjentali u f'ċerti sitwazzjonijiet ta' kriżi, kif muri bil-kriżi attwali tal-COVID-19, huma partikolarment importanti għall-edukazzjoni, il-ħajja tax-xogħol, l-ekonomija u l-gvern li jiffunzjona tajjeb;
6. jagħti importanza lill-fatt li l-valuri Ewropej u r-regoli etiċi, kif ukoll l-istandards soċjali u ekoloġiċi japplikaw ukoll fil-qasam diġitali; u l-UE se tippromovi b'mod attiv dawn il-valuri Ewropej u r-regoli etiċi fil-livell globali;

7. jisħaq fuq l-importanza tas-sovranità tad-data fil-livell individwali u dak pan-Ewropew. Dan huwa aktar u aktar importanti fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Lulju 2020 (Kawża C-311/18), li invalidat il-Ħarsien tal-Privatezza stabbilit bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti. Għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tiċċara l-implikazzjonijiet ta' din is-sentenza malajr kemm jista' jkun, peress li n-negozji jridu jiżguraw li l-flussi tad-data jkunu garantiti legalment lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni Ewropea;

8. iqis il-koeżjoni diġitali bħala dimensjoni addizzjonali importanti tal-kunċett tradizzjonali tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali minqux fit-Trattat tal-UE;

Id-diġitalizzazzjoni u l-opportunitajiet marbuta magħha

9. jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li fuqha huma bbażati t-tliet komunikazzjonijiet tal-Pakkett Diġitali tal-UE, li t-teknoloġiji diġitali qed iwasslu għal tibdil kbir ħafna fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u jqis li dan jaffettwa lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali u lin-negozji bl-istess mod;

10. jara l-importanza dejjem tikber tad-data u l-opportunitajiet li toħloq, u jenfasizza l-ħtieġa li ċ-ċittadini u n-negozji jiġu protetti minn kwalunkwe riskju li jirriżulta mill-kondiviżjoni, l-ipproċessar u l-ħżin tad-data; jaqbel ukoll mal-fehma li hemm nuqqas ta' għodod u standards tekniċi biex l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-individwi jsir sempliċi u mhux tqil wisq;

11. jilqa' l-miżuri li jikkontribwixxu biex l-Ewropa tmexxi t-tranżizzjoni lejn dinja b'saħħitha u li fil-perkors lejn dinja diġitali, tkun tista' toħloq it-tkabbir sostenibbli u l-prosperità, filwaqt li tirrispetta l-valuri komuni Ewropej u żżomm qafas legali sod abbażi ta' dawn, fir-rigward tal-protezzjoni tad-data, id-drittijiet fundamentali, is-sigurtà u ċ-ċibersigurtà;

12. jinnota li s-servizzi xprunati mill-IA, kif ukoll teknoloġiji innovattivi oħra fil-qasam tal-ipproċessar tad-data, id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi, għandhom potenzjal enormi li jwasslu benefiċċji lill-konsumaturi u lill-fornituri tas-servizzi, filwaqt li jippreżentaw ukoll sfidi fir-rigward tal-iżguraw b'mod responsabbli tan-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza u l-ispegjabbiltà tal-algoritmi, ir-responsabbiltà kif ukoll il-protezzjoni tal-privatezza, u għalhekk jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni, l-użu tal-IA u tat-teknoloġiji diġitali ġodda l-oħra jeħtieġ li jkunu strutturati b'mod responsabbli; jinnota wkoll li l-privileġġi ta' obligazzjoni eżistenti għal pjattaformi dominanti tas-suq għandhom jiġu vvalutati b'referenza għall-valuri Ewropej, b'mod partikolari dawk il-pjattaformi li l-istrateġiji kummerċjali tagħhom huma mmexxija minn pajjiżi mhux tal-UE, u li għal sistemi algoritmiċi li huma sensitivi mill-perspettiva tad-drittijiet fundamentali, għandu japplika l-prinċipju tal-post tas-suq tal-UE;

13. jirrimarka l-opportunitajiet li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-coronavirus, bħal pereżempju t-telexogħol u l-edukazzjoni diġitali u jenfasizza li, fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 u l-miżuri relatati ta' konfinament, l-applikazzjonijiet diġitali u l-infrastruttura kkontribwew b'mod sinifikanti biex jiżguraw, anke fi żminijiet ta' kriżi mhux previsti, il-kontinwità tal-operat tal-amministrazzjoni pubblika;

14. iqis li dan huwa punt ta' tluq tajjeb biex tiġi promossa l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku permezz tat-teknoloġiji diġitali;

15. jenfasizza li l-emissjonijiet tas-CO2 mill-applikazzjonijiet diġitali mistennija jaqbżu dawk tat-traffiku globali tal-vetturi sal-2025. Huwa stmat li s-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni waħdu huwa responsabbli għal 5-9 % tal-konsum tal-elettriku u għal aktar minn 2 % tal-emissjonijiet globali. Min-naħa l-oħra, is-soluzzjonijiet diġitali jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ekoloġika. Id-data ambjentali tippermetti, pereżempju, l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli, ir-riforestazzjoni jew il-prevenzjoni tal-iskart. Fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari, jista' jiġi kkunsidrat impenn volontarju possibbli mill-bejjiegħa elettroniċi biex jinkludu kriterji ta' protezzjoni ambjentali fl-algoritmi ta' riċerka tagħhom, jew l-introduzzjoni ta' "passaport tal-prodotti diġitali", li jista' jkun fih informazzjoni dwar l-impronta materjali u klimatika tal-katina tal-provvista tal-prodott, sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet ta' konsum orjentati lejn is-sostenibbiltà;

16. jisħaq fuq il-fatt li minkejja l-isfidi ekonomiċi li l-kriżi ġġib magħha, l-avvanz tal-bidla diġitali u l-investimenti assoċjati m'għandhomx jiġu traskurati; għall-kuntrarju, investimenti pubbliċi u privati sinifikanti fid-diġitalizzazzjoni huma l-aktar mod effiċjenti kif jerġa' jinkiseb it-tkabbir ekonomiku fl-UE;

Il-viżjoni tas-soċjetà diġitali

17. jinsab imħasseb li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali propost jinkludi tnaqqis fil-finanzjament tal-programm Ewropa Diġitali. It-tnaqqis tal-finanzjament jista' jkollu impatt fuq il-mod kif jaħdem il-programm;

18. jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni li tuża t-teknoloġiji diġitali biex tipprovdi liċ-ċittadini b'opportunitajiet għall-iżvilupp, deċiżjonijiet liberi u siguri u impenn soċjali, u biex toħloq qafas għall-kumpaniji li jippermetti li l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-kooperazzjoni jiġu żviluppata taħt kundizzjonijiet ġusti;

19. jenfasizza l-potenzjal tal-computing kwantistiku u jiġbed l-attenzjoni għall-inizjattivi Ewropej eżistenti f'dan il-qasam, bħall-inizjattiva ewlenija tat-Teknoloġiji Kwantistiċi. Barra minn hekk, jappella għal appoġġ kontinwu għal proġetti ta' riċerka dwar il-kwantum fl-UE sabiex tinkiseb tmexxija globali fl-isfruttar tal-potenzjal tat-teknoloġiji kwantistiċi;

20. jinnota li l-ekonomija tad-data qed taqdi rwol ekonomiku dejjem aktar importanti fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni attwali u għalhekk din hija mezz essenzjali għall-ħolqien tal-valur miżjud futur;

21. jappoġġja l-iżvilupp u l-espansjoni mmiratita ta' ekonomija Ewropea tad-data u l-passi biex tinkiseb l-indipendenza teknoloġika, inkluż permezz ta' impenji ta' politika industrijali adegwati għall-promozzjoni ta' promoturi Ewropej;

22. jenfasizza d-distinzjoni li saret fir-rigward tad-data personali u dik mhux personali, l-applikazzjonijiet differenti u l-użu tagħhom u d-diversi oqfsa legali assoċjati, il-ġestjoni u l-prattiki;

23. jenfasizza r-rwol importanti li għandhom l-għażliet b'sors miftuħ biex tiġi diversifikata l-għażla u tissaħħaħ l-indipendenza teknoloġika tal-amministrazzjonijiet, in-negozji u l-pubbliku ġenerali, kif ukoll il-promozzjoni ta' komunitajiet b'sors miftuħ fl-Ewropa li fihom jikkollaboraw in-negozji u l-amministrazzjonijiet;

Infrastrutturi u bażijiet diġitali affidabbli

24. jenfasizza l-importanza ekonomika u soċjali tal-ħames ġenerazzjoni tal-komunikazzjonijiet mobbli (5G) u jappella li jkun hemm sensibilizzazzjoni ibbażata fuq valutazzjoni trasparenti tat-teknoloġiji, sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jifhmu bis-sħiħ il-benefiċċji u l-iżvantaġġi tal-infrastruttura diġitali – inklużi studji dwar l-effetti ekoloġiċi u tas-saħħa – aktar milli jsiru vittmi ta' aħbarijiet foloz;

25. jenfasizza l-ħtieġa ta' kunċett komprensiv biex jiżdedu s-sigurtà u r-reżiljenza tan-networks 5G u jirrimarka li approċċ komuni fl-UE huwa xieraq u li standard minimu Ewropew komuni tas-sigurtà jħalli effetti ġenerali pożittivi;

26. jirrikonoxxi l-approċċ għall-implimentazzjoni tas-sett ta' strumenti fid-dawl tal-oġettivi li tiġi żgurata katina tal-provvista 5G iddiversifikata u orjentata lejn il-ġejjieni u li jiġi evitat "effett lock-in";

27. jistieden lill-Istati Membri jsegwu s-sett ta' għodod tal-UE għal networks 5G siguri biex jiżguraw iċ-ċibersigurtà tal-Ewropa u jipproteġu l-interessi ġeopolitiċi tal-Ewropa kontra t-theddida ta' sorveljanza u spjunaġġ b'rabta mal-iskjerament ta' networks 5G li jużaw teknoloġija minn pajjiżi terzi;

28. jesprimi l-appoġġ tiegħu għat-teknoloġija tal-fibra ottika bħala infrastruttura diġitali indispensabbli u servizz bażiku li għandu jkun disponibbli għal kulħadd fl-Unjoni Ewropea, speċjalment fiż-żoni rurali fejn hemm problemi bil-wasla ta' teknoloġiji oħra;

29. ma jaqbilx għalkollox mal-fehma li l-istrategġija għad-data tal-Ewropa tista' tkun ibbażata fuq ekosistema li tiffjorixxi; f'dan ir-rigward jidher li l-appoġġ lin-negozji ġodda b'mod partikolari huwa ta' importanza speċjali għall-implimentazzjoni tal-istrategġija, mhux biss minħabba s-sitwazzjoni attwali;
30. jilqa' t-tħabbira biex isiru investimenti fi proġett ta' impatt għoli għall-ispazji Ewropej tad-data u infrastrutturi tal-cloud ikkombinati ma' xulxin;
31. jirrimarka f'dan il-kuntest l-importanza tal-Bliet intelliġenti u tan-negozji ġodda bħala xpruni tal-innovazzjoni, u tal-appoġġ mogħti lilhom;
32. jilqa' l-pjani biex jtfasslu ftehimiet mal-Istati Membri dwar il-federazzjoni ta' clouds u l-ħolqien ta' ġabra ta' regoli tal-cloud tal-UE;
33. iqis li hemm il-periklu li approċċ inkonsistenti fir-rigward tal-aċċess għad-data u l-użu tad-data jwassal għal frammentazzjoni tas-suq intern, u għaldaqstant huwa essenzjali li dan jiġi evitat;
34. jenfasizza l-importanza tal-miżuri transsettorjali b'rabta mal-aċċess u l-użu tad-data, jilqa' l-fatt li se tiġi evitata regolamentazzjoni ddetaljata minn qabel fl-ispirtu ta' mudell proċedurali aġli u jstieden lill-Istati Membri biex, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolament attwali dwar il-kummerċ elettroniku, ikompli jiżguraw il-ħarsien tal-interess pubbliku u tas-servizzi ta' interess ġenerali, il-prevenzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika;
35. madankollu, f'dan il-kuntest, jirrimarka li r-rekwiżiti rilevanti għandhom jiġu adattati, b'mod partikolari għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, u mfasla b'kunsiderazzjoni tal-isforz ta' implimentazzjoni;

Il-bniedem fid-dinja diġitali

36. jinnota li huma meħtieġa fondi pubbliċi sostanzjali biex tiġi promossa d-diġitalizzazzjoni, biex jiġu appoġġjati l-universitajiet u l-istituzzjonijiet ta' riċerka, in-negozji ġodda, l-SMEs iżda wkoll ir-regġuni, speċjalment ir-"regġuni intelliġenti", u b'mod partikolari biex jinbnew kapaċitajiet diġitali komuni ta' eċċellenza u b'hekk l-indipendenza teknoloġika tal-Ewropa;
37. jenfasizza li r-regolamentazzjoni Ewropea għandha dejjem tqis il-garanzija tal-awtonomija lokali u reġjonali stabbilita fil-liġi primarja mill-Artikolu 4(2) tat-TUE. Obbligu, skont liġi sekondarja, fuq l-awtoritajiet lokali u/jew reġjonali biex jikkondividu d-data jimmina din il-garanzija u għalhekk għandu jiġi eskluż;
38. jemmen li tali kapaċitajiet xierqa jridu jiġu pprovduti fil-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE u jappella biex dawn se jsiru disponibbli minkejja l-isfidi possibbli biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi tal-coronavirus, b'mod partikolari fil-programm "Ewropa Diġitali";
39. jappoġġja d-diġitalizzazzjoni ulterjuri mingħajr dewmien tal-provvista tas-servizzi tax-xandir lill-pubbliku, fl-interess tal-pluraliżmu massimu;
40. jenfasizza li s-sigurtà tal-prodotti u s-servizzi diġitali hija fattur ta' suċċess essenzjali biex tinbena l-fiduċja, u b'hekk l-użu b'suċċess tagħhom, ifakkar l-involviment tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), u jappoġġja kooperazzjoni msaħħa ma' u bejn l-istituzzjonijiet ta' riċerka dwar iċ-ċibersigurtà fl-Istati Membri u fir-regġuni, meta jkun il-każ;
41. jisħaq fuq il-fatt li l-ħiliet diġitali huma essenzjali kemm biex jintużaw fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompetenzi li jirrigwardaw il-big data u l-analitika, bil-għan li jitwettaq il-potenzjal offrut mis-servizzi bbażati fuq l-IA, kif ukoll biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi ekonomiċi, soċjali u edukattivi Ewropej, u biex ikun żgurat li l-individwi jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-soċjetà, jiġifieri, irrispettivament mill-età jew il-post tar-residenza tagħhom, ikunu kapaċi jittrattaw id-diġitalizzazzjoni b'suċċess;

42. jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni fid-dinja diġitali, b'mod partikolari l-litteriżmu diġitali, u l-litteriżmu medjatiċu – mhux biss fl-istituzzjonijiet edukattivi – b'halo prerekwiżit biex jiġi żgurat li l-persuni kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw fid-diġitalizzazzjoni b'mod awtonomu;

43. huwa favur il-ħolqien ta' "spazji tad-data personali" b'aktar possibbiltajiet ta' kontroll għall-individwi fir-rigward ta' min jista' jaċċessa u juża d-data, u għall-eżami ta' dritt estiż tal-individwi għall-portabbiltà tad-data skont l-Artikolu 20 tal-GDPR;

44. jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tipproteġi l-privatezza b'mod adegwat u tiżgura li r-regolament ippjanat dwar il-privatezza elettronika jiġi adottat malajr, sabiex jiġu evitati l-inkonsistenzi fil-qafas regolatorju rilevanti u biex tiżdied iċ-ċertezza legali;

45. jistieden, f'dan ir-rigward ukoll, li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea biex jiżgura trasparenza u b'hekk tingħata ċertezza legali;

46. iqis li huwa essenzjali li l-istrategġija futura Ewropea għall-SMEs tipprevedi miżuri għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-SMEs u n-negozji ġodda, sabiex dawn ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mid-diversi opportunitajiet li joffru l-mudelli kummerċjali bbażati fuq id-data;

47. jappoġġja l-istabbiliment u l-promozzjoni pplanati u kkoordinati ta' ċentri Ewropej tal-innovazzjoni diġitali, filwaqt li jħeġġeġ skambju mill-qrib fi stadju bikri f'dan ir-rigward bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u b'mod partikolari r-reġjuni u jagħmilha ċara li proċess ta' għażla trasparenti u li jinftiehem u opportunitajiet indaqs bejn ir-reġjuni Ewropej huma essenzjali;

Komunità Ewropea ta' valuri diġitali

48. jinnota li d-data hija l-bażi tal-prodotti, is-servizzi u l-mudelli kummerċjali diġitali u b'hekk tal-iżvilupp ekonomiku fl-Ewropa, u li din tista' ttejjeb il-bażi għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-individwi, tal-kumpaniji, tal-organizzazzjonijiet, tal-amministrazzjoni u tal-politika;

49. iwissi li d-deċiżjonijiet li jkunu bbażati biss fuq id-data, speċjalment b'rabta mal-ipproċessar awtomatizzat, mhux dejjem jistgħu jkunu utli u xierqa u għalhekk għandhom dejjem jiġu evalwati fil-kuntest ġenerali;

50. jišhaq fuq il-fatt li s-soċjetà diġitali għandha tkun inklużiva, ġusta u aċċessibbli għal kulħadd u b'hekk għandha tiffoka fuq il-bnedmin;

51. jappella għal miżuri b'saħħithom għad-difiża tal-libertajiet ċivili u d-demokrazija f'era dejjem aktar diġitalizzata, fosthom li jitnaqqas ir-riskju ta' sorveljanza diġitali ġeneralizzata u li jiġu miġġielda l-aħbarijiet foloz, il-kampanji ta' diżinformazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u d-diskriminazzjoni, partikolarment ir-razziżmu, fil-qasam diġitali, irrispettivament minn jekk dawn il-fenomeni negattivi joriġinawx fl-UE jew barra minnha;

52. jinnota li t-teknoloġija diġitali u s-soluzzjonijiet xprunati mid-data huma mezzi importanti biex jiġu miġġielda l-isfidi tas-soċjetà, tal-iżvilupp, tal-klima u tal-ambjent u għalhekk huma rilevanti wkoll fil-kuntest tal-ilħuq tal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku u l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju tan-NU;

53. jilqa' l-inizjattiva biex jitfassal tagħmir immirat lejn l-ekonomija ċirkolari kif ukoll inizjattivi biex jinħolqu ċentri ta' data li jkunu newtrali għall-klima, effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u sostenibbli sa mhux aktar tard mill-2030;

54. jirrimarka li dawn l-isfidi huma marbuta mill-qrib ma' xulxin u joffru opportunitajiet għar-rwol ta' tmexxija tal-Ewropa;

Id-data bħala karburant diġitali għall-ekonomija u bażi għat-teħid tad-deċiżjonijiet

55. jikkondividi l-fehma li “l-bniedem huwa u għandu jibqa’ fiċ-ċentru” tal-istrateġija Ewropea tad-data; għalhekk, ir-rwol tal-politika diġitali huwa li timmonitorja kontinwament l-effetti, filwaqt li tivvaluta l-benefiċċji u l-iżvantaġġi tal-iżviluppi u, jekk meħtieġ, taqdi r-rwol ta’ gwida;
56. jaqbel mal-fehma li l-użu tad-data huwa estremament importanti għall-ġid pubbliku biex jiġu indirizzati l-emerġenzi (epidemiji, diżastri naturali), biex jinftiehemu aħjar id-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima u jkunu jistgħu jittieħdu miżuri b’mod immirat, u biex jissaħħu l-għieda kontra l-kriminalità u l-protezzjoni kontra t-terroriżmu;
57. jappoġġja l-iżvilupp ta’ spazji komuni Ewropej tad-data għal setturi ekonomiċi strateġiċi u oqsma ta’ interess pubbliku u jenfasisza li għandu jkun possibbli li jinħolqu aktar spazji tad-data f’termini ta’ approċċ b’aġilità;
58. jappoġġja spazju uniku Ewropew tad-data bbażat fuq regoli u valuri Ewropej, sabiex titnaqqas id-dipendenza eċċessiva fuq is-soluzzjonijiet diġitali li jinħolqu bnadi oħra;
59. jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli ssaħħa l-indipendenza teknoloġika tal-Ewropa f’teknoloġiji u infrastrutturi essenzjali;
60. jenfasisza l-importanza li tintuża d-data biex il-politiki jtfasslu abbażi tal-fatti u biex jittejjbu s-servizzi pubbliċi, ilkoll kemm huma fil-qafas tal-istandards dwar il-protezzjoni tad-data, is-sigurtà u l-etika;
61. huwa tal-fehma li l-interoperabbiltà tad-data (pereżempju permezz ta’ standards) u l-kwalità tad-data huma essenzjali u jilqa’ għalhekk l-iżvilupp ta’ kunċetti u strutturi organizzattivi xierqa;
62. jenfasisza r-rapport ta’ progress ippubblikat mill-grupp ta’ esperti indipendenti tal-Osservatorju dwar l-Ekonomija tal-Pjattaformi Online ⁽¹⁾ dwar l-indikaturi ekonomiċi u l-kejl tal-ekonomija tal-pjattaformi, li skontu n-nuqqas ta’ data dwar ħafna aspetti tar-rwol u l-imġiba ekonomika tal-kumpaniji tal-pjattaformi jippreżenta sfida għal dawk li jfasslu l-politika u għar-riċerkaturi. L-esperti għustament jinsistu wkoll fuq il-monitoraġġ tal-ekonomija tal-pjattaformi, b’mod partikolari fir-rigward tas-sinifikat ekonomiku tal-pjattaformi, is-setgħa li għandhom fuq l-utenti tagħhom, u t-trasparenza;
63. jirrimarka li meta jfasslu l-istandards, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom iqisu l-kompatibbiltà max-xenarji tal-IT eżistenti;
64. jaqbel mal-fatt li l-għadd ta’ operatori Ewropej tal-cloud huwa baxx u li hemm livell għoli ta’ dipendenza teknoloġika fuq fornituri esterni;
65. huwa tal-fehma li l-użu tal-cloud, b’mod partikolari fis-settur pubbliku Ewropew, huwa baxx u li, fost l-oħrajn, il-potenzjal għat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-IT mhux qed jiġi sfruttat;
66. jenfasisza l-importanza li jsir investiment f’teknoloġiji futuri bħall-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġija tar-reġistru distribwit u deċentralizzat (blockchain) u l-quantum computing, fost l-oħrajn. Dan jeħtieġ, b’mod partikolari, sforzi fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;
67. jirrimarka, f’dan il-kuntest, li jeżisti nuqqas fl-interoperabbiltà ta’ diversi servizzi tal-cloud u fl-iżvilupp ta’ proċeduri tekniċi għall-awtoritajiet pubbliċi fil-cloud;
68. jilqa’ l-intenzjoni li jiġi żviluppat rwol sistemiku ta’ ċerti pjattaformi online u s-saħħa fis-suq li dawn akkwistaw tiġi strutturata b’tali mod li l-għustizzja u l-ftuħ tas-swieq ma jiġux ipperikolati;

(1) <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/commission-expert-group-publishes-progress-reports-online-platform-economy>

69. iquis li hemm bżonn regolamentazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' dawk impjegati mill-pjattaformi online, sabiex din il-forma ta' xogħol tiġi organizzata b'mod adegwat u b'tali mod li toffri protezzjoni soċjali u mezzi ta' għajxien adatti; għaldaqstant jilqa' l-pjani tal-Kummissjoni li tippubblika inizjattiva biex ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati fuq pjattaformi online, iżda jirrakkomanda li din titressaq 'il quddiem mill-2021 għall-2020. B'mod partikolari matul il-pandemija tal-COVID-19, sar evidenti li għadd ta' pjattaformi online japprofittaw ekonomikament minn għeluq, filwaqt li l-impjegati tal-pjattaforma jibqgħu impjegati b'mod prekarju;

70. jilqa' l-ftehim milħuq bejn l-imsieħba soċjali Ewropej dwar l-appoġġ għat-tranżizzjoni diġitali⁽²⁾, sabiex flimkien jistabbilixxu l-iżvilupp tad-diġitalizzazzjoni u l-impatt tagħha fuq ix-xogħol, fuq il-ħaddiema, u fuq l-operat ta' negozju;

71. itenni li dak li huwa pprojbit barra l-internet lanqas jista' jiġi permess fuq l-internet u, f'dan il-kuntest, jappella sabiex ir-rwol u l-obbligi tal-operaturi tal-pjattaformi online jiġu ċċarati;

72. jinnota b'dispaċir li, f'dinja diġitali mingħajr fruntieri, għadd żgħir ta' kumpaniji bl-akbar sehem fis-suq jiġġeneraw il-maġġoranza tal-profitti mill-valur miżjud iġġenerat fl-ekonomija mmexxija mid-data, kif ukoll li dawn il-profitti ta' spiss ma jiġux intaxxati meta jiġu ġġenerati minħabba regoli tat-taxxa korporattiva skaduti, u li b'hekk dan iwassal għal distorsjoni fil-kompetizzjoni;

73. fid-dawl tal-effetti eżistenti li l-ekonomija tal-pjattaformi diġitali tħalli fuq in-network, jappella li jsir rieżami dwar l-oportunitajiet u l-kundizzjonijiet biex tiġi żviluppata aktar il-liġi tal-kompetizzjoni Ewropea;

74. jirrimarka li d-diġitalizzazzjoni toħloq sfidi indaqz fir-reġjuni kollha tal-Ewropa li jirrikjedu strateġiji għal soluzzjonijiet eteroġeni, u għalhekk jappella li dan jitqies meta jitfasslu strateġiji trasversali;

75. huwa favur li l-proċeduri għall-aċċess għall-fondi Ewropej jiġu ssemplifikati, sabiex jintlaħaq l-akbar għadd possibbli ta' kumpaniji, universitajiet u istituzzjonijiet ta' riċerka u dawn jitħeġġu jgħinu b'mod attiv fit-tiswir tad-diġitalizzazzjoni;

76. jirrimarka li dan japplika bl-istess mod għall-Bliet u Reġjuni Intelliġenti;

77. jaqbel mal-fehma li hemm nuqqas ta' għodod u standards tekniċi biex l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-individwi jsir sempliċi u mhux tqil wisq;

78. jenfasizza l-importanza li jiġu miġġielda l-effetti "lock-in", pereżempju fit-tagħmir tal-internet tal-oġġetti u li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-konsumaturi; huwa importanti, f'dan il-kuntest, li l-utenti jiġu pprovduti b'għodod u mezzi biex ikunu jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet huma stess dwar x'jiġri bid-data tagħhom;

L-Ewropa fid-dinja

79. jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni favur l-interessi tal-Ewropej u l-oportunitajiet indaqz għan-negozji Ewropej fis-swieq internazzjonali u għall-valuri Ewropej fil-flussi internazzjonali tan-negozju u tad-data;

80. jilqa' l-idea li l-ħżin u l-ipproċessar tad-data jiġi attirat lejn l-Ewropa minn pajjiżi u reġjuni oħra, u huwa konxju tal-punti pożittivi differenti tar-reġjuni Ewropej, li għandhom jintużaw bħala diversi argumenti favur dan;

81. jilqa' l-inizjattivi meħuda mill-Kummissjoni Ewropea u minn Stati Membri individwali bil-għan li tiġi ċċarata u armonizzata t-tassazzjoni tal-attivitajiet kummerċjali diġitali min-naħa tal-atturi kollha, inklużi dawk li l-politiki kummerċjali tagħhom huma definiti barra mill-UE;

(²) <https://bit.ly/2YptFYV>

Valutazzjoni ta' dawn il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni

82. jisħaq fuq il-fatt li l-punti b'saħħithom tal-Unjoni Ewropa għandhom ikunu fil-qalba tal-miżuri; pereżempju l-industrija tal-manifattura li toħloq diversi oqsma ta' applikazzjoni għat-teknoloġiji diġitali, inklużi l-industrija 4.0, l-intelliġenza artifiċjali (IA), ir-robotika, il-manifattura addittiva, l-ottika u t-teknoloġija sensorjali jew l-internet tal-oġġetti;
83. jappella li ssir valutazzjoni dettaljata tal-impatt tal-miżuri ewlenin proposti għal ekonomija ġusta u kompetittiva fir-rigward tal-Istrateġija Ewropea dwar id-Data u l-valutazzjoni u r-rieżami kontinwi tal-adeqwatezza tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-miżuri regolatorji u l-istrateġija industrijali tal-UE; dan japplika b'mod partikolari għall-ħolqien ta' qafas biex jiġu stabbiliti finanzi diġitali xierqa, kompetittivi u siguri, u tassazzjoni korporattiva fis-seklu 21;
84. itenni li d-diġitalizzazzjoni tar-reġjuni tirrikjedi approċċ strateġiku kkoordinat u miftiehem, li jmur lil hinn mill-forniment tal-infrastruttura u l-konnettività diġitali;
85. jappella li jkun hemm programm qafas estensiv ta' kwalifiki, sabiex jiġi miġġieled in-nuqqas ta' esperti fil-qasam tad-data u l-litteriżmu fid-data fl-UE;
86. jappella li jitfasslu programmi ta' appoġġ għan-negozji ġodda u l-kumpaniji mhux biss minħabba s-sitwazzjoni attwali, iżda anke minħabba li l-istrateġija għad-data ma tkunx tista' tiġi implimentata;
87. jappella għal inizjattiva għat-tisħiħ tas-sovranià teknoloġika (pereżempju l-iżvilupp ta' proċessuri proprji, komponenti tan-network), sabiex l-infrastrutturi meħtieġa jkunu jistgħu jinbnew u joperaw b'mod sigur u jappella li jiġi żgurat finanzjament adegwat għall-proġetti Ewropej ta' riċerka u żvilupp;
88. jirrikonoxxi l-ħtieġa li jkomplu jiżiedu r-reżiljenza u s-sovranià fl-ispazju diġitali abbażi tal-isfidi deskritti u l-miżuri proposti, sabiex ikun jista' jiġi sfruttat b'mod sostenibbli l-potenzjal tal-aktar standards tal-komunikazzjoni reċenti; f'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-protezzjoni ta' infrastruttura kritika sabiex il-kapaċità tal-istat li jaġixxi u l-provvediment pubbliku jkunu jistgħu jinżammu fit-tul anke f'każ ta' sitwazzjoni ta' kriżi;
89. jissuġġerixxi li jiġu eżaminati aktar miżuri, li jistgħu jwasslu għal titjib rapidu tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, it-tnaqqis tal-gassijiet serra, l-aħjar użu possibbli tad-diġitalizzazzjoni għall-ħarsien tal-ambjent u l-klima, l-orjentazzjoni favur il-klima tal-innovazzjoni u l-promozzjoni tal-gigabit.

Brussell, l-14 ta' Ottubru 2020.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Apostolos TZITZIKOSTAS
